# SAN BERT FL-ARTI


L-istatwa ta` San Bartilmew Appostlu fil-Bażilika tal-lateran

San Bert ġibed l-attenzjoni ta` ħafna artisti: sew skulturi, sew pitturi. L-eqdem xbiehat li għandna tiegħu jinsabu f' mużajk f'Ravenna, fejn hemm it-tnax-il appostlu; huma tas-seklu ħamsa jew sitta.

Insibuh ukoll f'affresk tas-sena 705 A.D f'Santa Maria Antiqua ġewwa Ruma. Fil-Knisja dedikata lilu f'nofs il-gzira Tiberina hemm riliev tas-seklu tnax.

**STATWI**

Fost l-istatwi sbieħ li naraw tiegħu, nafu b'dik li hemm ġewwa Mainz fil-Germanja; din saret madwar is-sena 1250 A.D.

Insibu oħra f'Montepulciano, u din hija ta` Michelozzo (1396 - 1472 A.D.)

Fid-Duomo di Milano tinsab statwa majestuża ta` Marco d'Agrate; din ilħadmet fl-1562.

Ma nistgħux ninsew dik li hemm fil-Lateran. L-istatwa tar-raħal tagħna tixbaħha ħafna, iżda tagħna hija ħafna iżgħar. Jekk ma ħadmithomx l-istess id, żgur li nħaddmu minn artisti li kellhom l-istess gosti, l-istess stil u l-istess mgħallem. Huma ta l-istess skola ta` Ercole Fontana.

**PITTURI**

Kwadri ta` San Bert insibu ħafna. Forsi l-iktar li tolqotna hija il-figura tiegħu fil-Ġudizzju Universali ta` Michaelangelo. Ħafna jgħidu li f'wiċċ San Bart hemm awto-ritratt ta` l-istess pittur.

Insibu xbieha tal-qaddis tagħna fil-Bażilika ta` San Franġisk ta` Assisi; din hija tas-seklu tlettax. Fl-Italja, fost oħrajn, hemm ukoll kwadri ta Mattia Preti (1613 -1699) u ta Salvator Rosa (1615 - 1673).

Mill-iskola Tedeska nsemmu lil Bernard Strigel (1460 - 1528) u lil Hans Holbein (1497 - 1543). Din l-iskola tiġbed l-attenzjoni għall-krudelta` tal-martirju li sofra San Bert.

Fl-iskola Spanjola għandna l-aqwa pittur ta` San Bert: Jose` De Ribera (1591 - 1543). Dan pinġa tnax-il kwadru tal-qaddis.

Fil-monasteru ta` Geronimo ġewwa Lisbona fil-Portugal hemm ukoll xbieha ta` San Bert fuq l-injam; din tinsab fil-kor bħall-appostli l-oħra.

Fil-Knisja ta` San Bert f'Kana tal-Galilea hemm kwadru ta` l-iskola Fjaminga u statwa mqaddsa.

**MALTA**

Fostna nafu b' żewġ statwi ta` l-injam: dik tal-parroċċa tagħna, u dik ta` l-isptar (illum) San Vinċenz, fejn hemm kappella dedikata lil San Bert.

Żgur li l-istatwa tagħna ġiet minn Ruma skond l-irċevuta tal-25 t' April, 1771; żgur li waslet fostna mhix kompluta, skond ir-rikorsi. Nafu żgur ukoll li Melchior Gafa` ħalla ħafna xogħolijiet mhux kompluti; f' dak iż-żmien dawn ma kienux jitqiesu bħala xogħolijiet ta` arti (ara "Heritage", numru 5, artiklu ta` Charles Cassar). Għal raġunijiet bħal dawn, mhux la kemm tiċħad li hi ta` Gafa`.

Ma rridux ninsew il-kwadri ta` San Bert li għandna: dak ta` Gaspare Formica (c.1600) li qiegħed fis-sagristija; u dak tal-kor (1902), li hu biċċa xogħol tassew sabiħa ta` Giuseppe Calì`. Qabel dan, kien hemm wieħed ta` l-iskola ta` Mattia Preti; jgħidu li kien ta` Emmanuel Perren (jew Pereyra?), u li meta ġie restawrat fl-1902, iż-żebgħa tiegħu bdiet tfaqqa`; imbagħad warbuh u ma nafux x'sar minnu.

**GĦELUQ**

Tista` tgħid li l-artisti kollha jippreżentaw lil San Bert bil-ktieb, bis-sikkina u bil-ġild imqaxxar. B'dan iridu jfissru ċar l-appostolat u l-martirju tiegħu.

San Bert kien jingħażel ħafna bħala suġġett għax fih l-awturi kellhom iċ-ċans juru l-ħila tagħhom f'dik li hi anatomija u dellijiet tal-muskoli. Il-partijiet sew ċari sew skuri juru minn naħa l-kuraġġ ta` l-appostlu, u minn oħra l-kefrija tal-bniedem maħkum mill-misteru tal-ħażen li joħoda kontra minn ixandar it-tajjeb.

*Dun Karm Bezzina*